Nru./No. 20,858
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 16 ta' Mejju, 2022
Monday, 16th May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 8313
Government Notices *8313*

Avviżi tal-Pulizija 8313
Police Notices *8313*

Avviżi tal-Gvern ..... 8313 - 8314
Notices ..... *8313 - 8314*

Avviżi tal-Qorti ..... 8314 - 8316
Court Notices ..... *8314 - 8316*

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 549

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat li kkontesta l-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, is-16 ta' Mejju, 2022 għall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema biex jimtela l-post li tbattal mis-Sa Graziella Attard Previ ma ġiex elett bħala Kunsillier peress li ma ġabx il-kwota meħtieġa.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-16 ta' Mejju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 70

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Raħal Ġdid

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, mill-4.00 p.m. till 10.00 p.m., minn Triq l-Arkata, Triq Sant'Ubaldeska u Triq Ninu Cremona.

Transport pubbliku mhux ser jigi affetwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Mejju, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji

GOVERNMENT NOTICE

No. 549

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

THE Electoral Commission notifies that the candidate who contested the casual election held on 16th May, 2022 for the Local Council of Tas-Sliema to fill the post vacated by Ms Graziella Attard Previ was not elected as Councillor as he failed to obtain the required quota.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

16th May, 2022

POLICE NOTICE

No. 70

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Friday, 24th June, 2022, from 4.00 p.m. till 10.00 p.m., through Triq l-Arkata, Triq Sant'Ubaldeska and Triq Ninu Cremona.

Public transport will not be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

16th May, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral

Elettorali jgħarrfu illi ma ġiet ippreżentata ebda kandidatura għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Floriana.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-16 ta' Mejju, 2022

Commissioners hereby notify that no candidatures were presented for the casual election of a Councillor for the Local Council of Floriana.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

16th May, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

832

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-26 ta' April, 2022, u dan wara Rikors b'numru 26/2022, Ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 843/1993 billi kull fejn jidher l-isem 'Jean Paul' fil-kolonni relattivi jitneħħa l-isem 'Paul' u jibqa' biss l-isem 'Jean'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th April, 2022, and upon an application numbered 26/2022, Ordered:

The Correction in the Act of Birth bearing the number 843/1993 so that wherever the name 'Jean Paul' appears in the relative columns the name 'Paul' is deleted and only the name 'Jean' shall appear.

Court of Revision of Notarial Acts, today Wednesday, 4 th May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

833

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Carmelo sive Charles Zammit et vs Anthony Vassallo et Rikors numru 1090/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Anthony Vassallo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Carmelo sive Charles Zammit (KI 64652M), Josianne Schiavone (KI 0258476M), Annalice Camilleri (KI 0079280M), Mario Mangion (KI 0669352M), Carmen Mangion (KI 0431165M), George Mangion (KI 0825957M), Joseph Mangion (KI 0486464M), Mary Zammit (KI 581952M), Mary Zammit (KI 581952M) u Mary Rose Mangion Quintano (KI 355169M) vs Anthony

By means of a decree of the 11th March, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Carmelo sive Charles Zammit et vs Anthony Vassallo et, Application number 1090/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anthony Vassallo in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Carmelo sive Charles Zammit (ID 64652M), Josianne Schiavone (ID 0258476M), Annalice Camilleri (ID 0079280M), Mario Mangion (ID 0669352M), Carmen Mangion (ID 0431165M), George Mangion (ID 0825957M), Joseph Mangion (ID 0486464M), Mary Zammit (ID 581952M) and Mary Rose Mangion Quintano (ID 355169M) vs Anthony

Vassallo (KI0281356M) u l-Awtorità tad-Djar ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fid-29 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti Carmelo sive Charles Zammit (KI 64652M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Vassallo huwa l-inkwilin tal-fond 15/6, Triq id-Dejqa, Is-Siġġiewi, u jikkwalifika bħala kerrej ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021 u b'hekk huwa intitolat ikompli jokkupa d-dar ta' abitazzjoni ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, kif emendat bl-Att XXIV tal-2021;

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat Vassallo kif stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostitwuhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2020, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru, 2020;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 15/16 Triq id-Dejqa, Is-Siġġiewi, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

4. Jordna f'każ illi l-intimat Vassallo ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat mill-fond inkwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni u b'riżerva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: 9, Karol, Triq Dun Amabile Bonanno, San Ġiljan

Intimati: 15/16, Triq id-Dejqa, Is-Siġġiewi
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Carmelo sive Charles Zammit et vs Anthony Vassallo, Rikors numru 1090/2021LC, jinsab differit għall-25 ta' Mejju, 2022, fl-10.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Vassallo (ID 0281356M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 29th December, 2021, the applicants Carmelo sive Charles Zammit (ID 64652M) et requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent Vassallo is the lessee of the premises 15/16, Triq id-Dejqa, Siġġiewi, and qualify as the lessee of a residential house on the basis of this definition, in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance as amended by Act XXIV of 2021, and thus they are entitled to continue occupying the residential house in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance, as emended by Act XXIV of 2021.

2. Order that the means test of the respondent Vassallo be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations that replace them, which test shall be based on the income of the lessees between 1st January and 31st December, 2020, and on the capital of the lessee on the 31st December, 2020.

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value of the premises that is 15/16, Triq id-Dejqa, Siġġiewi, and to establish new conditions regarding the lease;

4. Order that if the respondent Vassallo does not satisfy the criteria of the income of the means test, the eviction of the same respondent from the premises in question within a short and peremptory time established by this Board and by not later than two years from the 1st June, 2021.

With costs against the respondent who are from now summoned so that a reference to his oath be made and without prejudice to any other action that may eventually be filed.

Applicant: 9, Karol, Triq Dun Amabile Bonanno, San Giljan.

Respondents: 15/16, Triq id-Dejqa, Siġġiewi
Housing Authority

The application in the names Carmelo sive Charles Zammit et vs Anthony Vassallo et, Application number 1090/2021LC, has been postponed for hearing to the 25th May, 2022, at 10.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 13th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

834

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Marzu, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Felicia Calleja vs Desmond Massa, Rikors numru 1070/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Desmond Massa a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Felicia Calleja (KI 429229M) vs Desmond Massa ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-23 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti Felicia Calleja (KI 429229M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li jsir it-test tal-mezzi tal-intimat skont l-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu opportuni, skont ir-riżultanzi tat-test tal-mezzi u ċjoè illi jekk ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimati mill-fond 34, Felicity, Triq ir-Rebbiegħa, Il-Mosta MST 4015, fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skont il-liġi, u jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimat iħallas il-kumpens hekk likwidat.

3. F'każ li jiġu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva u jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas ta-kera filwaqt li jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond imsemmi b'effet mill-1 ta' Jannar, 2022, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimat kif dikjarat;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvota tiġi preżentata.

Notifika intimat: Desmond Massa, 34, Felicity, Triq ir-Rebbiegħa, Il-Mosta MST 4015

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Felicia Calleja vs Desmond Massa, Rikors numru 1070/2021LC, jinsab differit għall-25 ta' Mejju, 2022, fid-9.35 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 11th March, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Felicia Calleja vs Desmond Massa, Application number 1070/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Desmond Massa in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Felicia Calleja (ID 429229M) vs Desmond Massa filed in the Rent Regulation Board, on the 23rd December, 2021, the applicant Felicia Calleja (ID 429229M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order to carry out the means test of the respondent, in terms of Article 4A(3)(c) of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Give those orders that deem opportune, according to the means test results and that if the criteria of the means test are not met, order the eviction of the respondent from the premises 34, Felicity, Triq ir-Rebbiegħa, Mosta MST 4015 within a peremptory time established by this Board according to law and liquidate the compensation due in terms of Article 4A(4) of Cap. 69 of the Laws of Malta and order the respondent to pay the compensation as liquidated;

3. In the event that the criteria of the means test are met order the continuation of the relative lease and establish new conditions regarding the payment of rent whilst declaring that the rent has to be revised to the amount that does not exceed 2% per annum of the free and open market value of the premises with effect from the 1st January, 2022, and order the respondent to pay the rent as declared.

With costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and without prejudice for any other action that may be filed.

Respondent: Desmond Massa, 34, Felicity, Triq ir-Rebbiegħa, Mosta, MST 4015

Housing Authority

The application in the names Felicia Calleja vs Desmond Massa, Application number 1070/2021LC has been postponed for hearing to the 25th May, 2022, at 9.35 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 13th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603